# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża T-496/10**

**Bank Mellat**
**vs**
**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

"Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Żball manifest ta' evalwazzjoni"

Sommarju — Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tad-29 ta' Jannar 2013

1. *Proċedura — Deċiżjoni jew regolament li jissostitwixxi l-att ikkontestat fil-mori tal-kawża — Element ġdid — Estensjoni tat-talbiet u tal-motivi inizjali*

2. *Drittijiet fundamentali — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Invokazzjoni minn persuna ġuridika meqjusa bħala entità li tirriżulta minn Stat terz — Ammissibbiltà — Regoli proċedurali previsti għall-azzjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — Inammissibbiltà ta' rikorsi ppreżentati minn organizzazzjonijiet governattivi — Applikabbiltà quddiem il-qorti tal-Unjoni — Esklużjoni*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 17, 41 u 47)*

3. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Rekwiżiti minimi*

   *(Artikolu 296, paragrafu 2, TFUE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 423/2007, Artikolu 15(3), Nru 961/2010, Artikolu 36(3) u Nru 267/2012, Artikolu 46(3); Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413, Artikolu 24(3))*

4. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Obbligu ta' komunikazzjoni tal-provi kontra — Portata*

   *(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea Artikolu 47; Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931, Artikolu 1(4) u (6))*

5. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Drittijiet tad-difiża — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Dritt ta' aċċess għal dokumenti — Dritt suġġett għal talba f'dan is-sens quddiem il-Kunsill*

   *(Regolamenti tal-Kunsill Nru 423/2007, Nru 961/2010 u Nru 267/2012; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413)*

6. *Unjoni Ewropea — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Rikors għal annullament ta' entità kkonċernata b'deċiżjoni ta' ffriżar tal-fondi — Tqassim tal-oneru tal-prova — Stħarriġ ġudizzjarju*

*(Regolamenti tal-Kunsill Nru 423/2007, Nru 668/2010, Nru 961/2010, Nru 1245/2011 u Nru 267/2012; Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413)*

7. *Unjoni Ewropea — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Atti tal-Unjoni li jimponu l-iffriżar ta' fondi — Kamp ta' applikazzjoni territorjali*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 423/2007, Artikolu 18, Nru 961/2010, Artikolu 39 u Nru 267/2012, Artikolu 49)*

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 32)

2. Id-dritt tal-Unjoni ma jinkludix regoli li jipprojbixxu lil persuni ġuridiċi li huma entitajiet li jirriżultaw minn Stati terzi milli jinvokaw favurihom il-protezzjonijiet u l-garanziji marbuta mad-drittijiet fundamentali. Kuntrarjament, l-Artikoli 17, 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxu d-drittijiet lil "kull persuna", formulazzjoni li tinkludi lil dawn il-persuni ġuridiċi. Dawn l-istess drittijiet jistgħu għalhekk jiġu invokati mill-imsemmija persuni quddiem il-qorti tal-Unjoni sa fejn huma kompatibbli mal-kwalità tagħhom ta' persuna ġuridika.

Tali esklużjoni mit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali lanqas ma hija bbażata fuq l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem li ma jaċċettax l-ammissibbiltà ta' rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minn organizzazzjonijiet governattivi.

(ara l-punti 36-38, 41)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 49-51)

4. Il-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi, minn naħa, li l-provi użati kontra l-entità kkonċernata sabiex isostnu l-att li jikkawżalha preġudizzju jiġu kkomunikati lilha. Min-naħa l-oħra, hija għandha titpoġġa f'pożizzjoni li tinvoka b'mod utli l-perspettiva tagħha fir-rigward ta' dawn l-elementi.

Għalhekk, fir-rigward ta' att inizjali li bih jiġu ffriżati l-fondi ta' entità, sakemm kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu ċ-ċertezza tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom ma jipprekludux tali ffriżar, il-komunikazzjoni tal-provi kontra għandha ssir jew flimkien mal-adozzjoni tal-att ikkonċernat, jew mill-iktar fis possibbli wara l-adozzjoni msemmija. Fuq talba tal-entità kkonċernata, din tal-aħħar għandha wkoll id-dritt li tesprimi l-perspettiva tagħha fir-rigward ta' dawn il-provi ladarba l-att jiġi adottat. Taħt l-istess riżervi, kull deċiżjoni sussegwenti ta' ffriżar tal-fondi għandha bħala regola ġenerali tiġi ppreċeduta minn komunikazzjoni tal-provi kontra ġodda u minn possibbiltà ġdida għall-entità kkonċernata li ssostni fehmitha.

Għalhekk, il-komunikazzjoni tal-proposta ta' adozzjoni ta' miżura restrittiva ta' ffriżar tal-fondi lill-persuna kkonċernata wara t-terminu ffissat sabiex hija tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha ma tippermettix aċċess għall-fajl tagħha fi żmien utli u għalhekk twassal għal ksur tad-drittijiet tad-difiża.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju timplika li l-awtorità tal-Unjoni inkwistjoni hija marbuta li tikkomunika l-motivi ta' miżura restrittiva lill-entità kkonċernata, sa fejn ikun possibbli, jew fil-mument meta tkun adottata din il-miżura, jew, minn tal-inqas, malajr kemm jista' jkun wara li tkun ġiet adottata, sabiex l-entità kkonċernata tkun tista' teżerċita, fit-termini stabbiliti, id-dritt tagħha għal rimedju legali. L-osservanza ta' dan l-obbligu li jiġu kkomunikati l-imsemmija motivi hija fil-fatt neċessarja, kemm sabiex id-destinatarji tal-miżuri restrittivi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u jiddeċiedu b'għarfien sħiħ dwar il-kwistjoni jekk ikunx utli għalihom li jressqu rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni, kif ukoll sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-legalità tal-att inkwistjoni kif tkun mitluba tagħmel.

Għalhekk, in-natura vaga tal-motivi li jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ffriżar tal-fondi u l-komunikazzjoni tardiva tal-proposta ta' adozzjoni tagħha jikkostitwixxu ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-persuna destinatarja ta' tali deċiżjoni.

(ara l-punti 53, 54, 56, 85, 96, 105)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 55)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 111)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 122-124)